

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-26 ta' Ġunju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-juge de paix du troisième canton de Charleroi — Il-Belġju) — André Moens vs Ryanair Ltd

(Kawża C-159/18) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Artikolu 5(3) — Kumpens tal-passiġġieri fil-każ ta' rifut ta' imbark u ta' kanċellazzjoni jew ta' dewmien twil ta' titjira — Portata — Eżenzjoni mill-obbligu ta' kumpens — Kunċett ta' “ċirkustanzi straordinarji” — Preżenza ta' petrol fuq runway ta' ajrūport)

(2019/C 280/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Juge de paix du troisième canton de Charleroi

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: André Moens

Konvenuta: Ryanair Ltd

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew x jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, moqrri fid-dawl tal-premessi 14 u 15 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-preżenza ta' petrol fuq runway ta' ajrūport li tat lok għall-għeluq tagħha u, konsegwentement, id-dewmien twil tat-titjira minn jew lejn dan l-ajrūport taqa' taħbi il-kunċett ta' “ċirkustanzi straordinarji” fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta l-petrol inkwistjoni ma jkunx ġej minn ajrūplan tat-trasportatur li opera din it-titjira.
- 2) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, moqrri fid-dawl tal-premessi 14 u 15 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-preżenza ta' petrol fuq runway ta' ajrūport li tat lok għall-għeluq tagħha, li fir rigward tagħha għiet stabbilita n-natura ta’ “ċirkustanza straordinarja”, għandha titqies bħala ċirkustanza li ma setgħetx tigħi evitata anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha kienu ttieħdu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

(1) ĠU C 166, 14.5.2018